MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Appell Civili Numru. 13/2007

**Salina Wharf Marketing Limited**

**vs**

**Malta Tourism Authority**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Marzu, 2007, il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Bord wara li sema' lill-appellanti Jason Mcilhone u Alec Bannerman wasal ghall-konkluzjoni illi x-xhieda ta' Alec Bannerman bhala aktar kredibbli u ta' min joqghod fuqha. Ix-xhud Bannerman fix-xhieda tieghu kkonferma l-fatti kif imsemmija fl-ittra tas-Sur Charles Grech tal-Malta Tourism Authority datata 18 ta' Ottubru 2006 u indirizzata lis-Sur Michael Cassar Torregiani u Jason Mcilhone.

Ghaldaqstant l-appell qieghed jigi respint."

Is-socjeta` rikorrenti timpunja bl-appell taghha l-precitata decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu b' dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Il-Bord naqas milli jiddeciedi diversi aggravji ta' natura legali;
(2) Gie vjolat il-principju tan-*ne bis in idem*;
(3) Gie lez lilha l-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*;

L-Awtorita` tat-Turizmu wiegbet ghal dan l-appell billi in linea preliminari ssollevat l-eccezzjoni tal-prezentata tardiva tieghu. Fil-mertu, irrispondiet bil-mod li jsegwi:-

(1) La l-Bord ta' l-Appelli ma ddecieda ebda punt ta' ligi, allura l-appell ma jistax jintlaqa' peress li mhux koncess appell fuq punt ta' ligi li ma jkunx ukoll deciz fis-sentenza tal-Bord;
(2) Il-principju *ne bis in idem* ma japplikax ghal kaz fejn, bhal prezenti, si tratta minn zewg akkuzi differenti u ksur ta' zewg kondizzjonijiet separati ta' l-Avviz Legali 299 ta' l-2004;
(3) Il-fatt li x-xhieda giet interrotta fil-kors tal-procediment quddiem il-Bord jew li d-deposizzjonijiet taghhom ma gewx registrati fl-intier ma jwassalx ghall-ksur tal-principju tas-smigh xieraq;

Huwa fl-ordni logiku-guridiku illi l-Qorti ghandha, qabel kollox, tinvesti l-eccezzjoni mqanqla tal-prezentata tardiva ta' l-appell, in kwantu, jekk din tirrizulta fondata, ma jkollhiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-indagini tas-singoli aggravji prospettati mis-socjeta` appellanti;

Hi disposizzjoni esplicita tal-ligi bl-Att XII ta' l-1994 (Kapitolu 409) illi appell lil din il-Qorti minn decizjoni tal-Bord ghandu jsir fi zmien hmistax-il gurnata minn meta

tkun inghatat id-decizjoni [Artikolu 14 (9)]. Fil-kaz prezenti d-decizjoni nghatat fit-28 ta’ Marzu 2007 mentri l-appell minnha gie intavolat fit-13 ta’ April 2007. Jigifieri, b’ dewmien ta’ gurnata;

Din it-tardivita` hi sa certu punt koncessa wkoll mis-socjeta` appellanti in kwantu fir-rikors ta’ l-appell taghha tirrikonoxxi illi s-sentenza giet pronunzjata fit-28 ta’ Marzu 2007. Eppure, imbaghad, rinfaccjata bl-eccezzjoni, tittanta ssib rifugju fid-dispost tas-subinciz (3) ta’ l-istess Artikolu 14 fejn hemm provvdut *inter alia*, illi “d-decizjonijiet kollha tal-Bord ghandhom jinqraw fil-pubbliku u jigu ppubblikati malajr kemm jista’ jkun wara s-seduta li fiha jkunu nghataw”. Dan, naturalment, taghmlu biex tissenjala l-punt illi effettivament is-sentenza ma nghatatx dakinhar tas-seduta (28 ta’ Marzu 2007) izda gurnata wara (29 ta’ Marzu 2007), meta hi giet notifikata b’ kopja taghha;

Ikollu jinghad li din it-trovata ingenjuza tas-socjeta` appellanti ma ssibx riskontru fl-atti tal-kaz quddiem il-Bord ta’ l-Appelli. Minnhom jidher sew illi d-decizjoni nghatat fit-28 ta’ Marzu 2007 taht is-sottoskrizzjoni tal-membri tal-Bord (ara l-original taghha a fol. 18). Hi wkoll din l-istess data li tidher fil-kopja dattiloskritta annessa mis-socjeta` appellanti ma’ l-istess rikors ta’ l-appell taghha. Certament, id-data tan-notifikazzjoni taghha lir-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti ma ggibx ghal daqshekk modifikazzjoni fid-data tal-pronunzjament tas-sentenza u lanqas sostituzzjoni ta’ dik il-*voluntas legislatoris* li *expressis* statwiet id-data minn meta kellhom jibdew jiddekorru l-hmistax-il gurnata ghall-prezentata ta’ l-appell;

Innegabilment, it-termini ghall-appell minn sentenzi, kemm taht il-ligi ritwali ordinarja, kif ukoll taht il-ligijiet specjali, jiddekorru ghal fatt materjali tat-trapass taz-zmien. Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta’ proroga, u lanqas ta’ sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta’ l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta’ Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata

festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke id-dekors inutli taghhom ma jkunux imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita` hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);

Huwa evidenti illi t-terminu utli ghal liema jirreferi l-Artikolu 14 (9) ta' l-Att imsemmi ma giex f' dan il-kaz rispettat *ad unguem,* u l-appell ikollu allura jitqies irremedjabilment irritwali. Huwa veru li z-zmien gie oltrepassat b' gurnata imma, kif ukoll ritenut, "*of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help him*" ("**A. B. -vs- Commissioner of Inland Revenue**", Kaz. Numru 85, Appell, 5 ta' Marzu 1971 u "**Joseph Camilleri -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**", Appell, 9 ta' Mejju 2007). Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha fl-istharrig tal-mertu ta' l-aggravji sottomessi u tat-twegiba ghalihom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi billi tiddikkjara li l-appell gie intavolat *fuori termine* u konsegwentement hu irritu u null, u bla effett fil-ligi. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu u tordna li l-istess appell jigi kancellat minn fuq il-listi, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mis-socjeta` rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------